MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 85/2003

Kawza fil-lista: 46

***T A***
**vs**
***T K sive T B***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fis-16 ta’ Awissu 1996 u minn dan iz-zwieg ghandhom tewmin, *G* u *S*, li twieldu fit-18 ta’ Jannar 1997; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ ghadhiex aktar possibbli minnhabba tortijiet tal-konvenuta fit-termini ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni sabiex jressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet tort tal-konvenuta kif fuq indikat; [2] li tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-attur

bid-dritt ta’ access favur il-konvenuta li minn naha taghha ghandha tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri; [3] li tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-artikolu 48 ta’ l-istess Kap; [4] li tigi xjolta, likwidata u assenjata l-komunjoni ta’ l-akkwisti; [5] li tordna lill-konvenuta thallas manteniment lill-attur; [6] li tordna li l-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe’ *B*; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta cahdet dak kollu mputat lilha;

Rat il-kontro-talba li permezz taghha l-konvenuta rikonvenzjonanti wkoll talbet is-separazzjoni personali, peress li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibbli, izda tort tal-attur fit-termini ta’ l-artikoli precitati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat li tinsab inserita fil-process a fols.56 sa 65;

Rat ir-rapporti tal-haddiema socjali nominati;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet il-minuri kameralment;

**Ikkunsidrat;**

**Azzjoni u Kontro-talba**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali peress li l-hajja konjugali bejniethom m’ghadhiex aktar possibbli; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali taz-zwieg. Iz-zewg partijiet qed jimputaw it-tort lil xulxin fit-termini ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; filwaqt li t-tnejn jichdu dak attribwit lilhom.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jrrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Awissu 1996, meta allura l-konvenuta kellha erba' xhur tqala, u huma kellhom 21 sena. Fit-18 ta' Jannar 1997 twieldu t-tewmin *G* u *S*, li llum ghandhom 14-il sena.

Illi f' Mejju 1999 l-attur dahal f' relazzjoni adulteruza ma' certu *K* Pace. Din ir-relazzjoni kienet il-kagun tat-tkissir taz-zwieg odjern.

Il-Qorti hija tal-fehema li mill-provi jirrizulta car u manifest li l-hajja konjugali m' ghadiex aktar possibbli bejn il-partijiet, unikament tort tal-attur, liema tort jinkwadra fit-termini ta' l-artikolu 38 ta' l-imsemmi Kap. Dan jattira fil-konfront tieghu d-dispost ta' l-artikolu 48.

**Kura u Kustodja**

Illi m' hemmx dubju li l-interessi tal-minuri, li llum ghandhom 14-il sena, jiddettaw li dawn jibqghu fil-kura u kustodja esklussiva ta' ommhom, filwaqt li l-missier ikollu access kif indikat hawn taht; izda hadd mill-ġenituri ma jista' johrog lit-tfal minuri barra minn Malta jekk mhux bil-kunsens miktub tal-parti l-ohra, jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti; inoltre, l-konvenuta hi obbligata li tghaddi lill-attur l-informazzjoni kollha dwar is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri.

L-access favur il-missier ikun kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-4.00pm sa 5.30pm; u kull nhar Sibt/Hadd, b' mod alternat, fl-istess hin. L-access ikun minghajr supervizjoni.

Illi fil-granet tal-Milied, l-ewwel tas-sena, jum-il missier, l-access tal-missier ghandu jkun kif stabbilit mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu a fols.596 u 597 Vol.2.

Illi fil-kaz li l-missier ma jkunx jista' jmur ghall-access, huwa ghandu jaghti preavviz lill-attrici jew lill-ulied, gurnata qabel.

Illi l-modalita' ta' l-access fuq indikata tispicca malli l-minuri jaghlqu sittax-il sena, meta allura l-access ikun wiehed konkordat bejn it-tfal u l-missier.

**Manteniment**

Illi rigward il-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta ghaliha u ghat-tfal minuri, il-Qorti tosserva li ma jirrizultax li l-attur ma jahdimx, anzi jirrizulta li huwa jahdem, u di fatti ghandu permessi ta' vetturi fuq ismu, u kapaci jahdem, kemm ghax fil-passat kien jahdem hafna, kif ukoll ghax ma gietx provat li ghandu xi ostakolu li jimpedih milli jahdem. L-allegazzjoni tieghu li hu ma jahdimx biex jiehu hsieb il-genituri tieghu, u ghalhekk qed jghix mill-pensjoni taghhom, hija skuza banali u meskina, immirata sabiex l-attur, li llum ghad ghandu 36 sena, jittanta jevita, ghalkemm inutilment, milli jadempixxi l-obbligi tieghu fil-konfront ta' martu u ta' uliedu minuri.

Illi l-Qorti tosserva li l-attur, bhala l-parti hatja tas-separazzjoni personali, ghandu jhallas lill-konvenuta manteniment ghaliha, filwaqt li din minn naha taghha, tenut kont tal-fatt li ghadha zghira fl-eta' [36] u li llum it-tfal ghandhom 14-il sena u ghalhekk ghandhom grad ta' indipendenza, ghandha wkoll terfa' parti mill-piz finanzjarju.

Ghalhekk il-Qorti tordna li l-attur jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom minuri s-somma ta' €280 [ekwivalenti ghal LM120] fix-xahar; filwaqt li spejjez medici ta' natura straordinarja ghandhom jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet. Dan il-manteniment jieqaf hekk kif il-minuri jsiru maggjorenni.

L-attur ghandhu wkoll ihallas lill-martu bhala manteniment ghaliha s-somma ta' €140 [ekwivalenti ghal LM60] fix-xahar.

Il-manteniment ghandhu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja, u fil-kaz li l-attur ikun qed jahdem f' impieg, dan il-manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga tieghu u mibghut direttament lill-attrici.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi mill-provi ma jirrizultax li ghad hemm xi proprjeta' in komuni bejn il-partijiet, u dak li kellhom jidher li diga' nqasam bejniethom.

Illi ghalhekk il-qorti ser tillimita l-gudizzju taghha f' dan ir-rigward billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett mit-28 ta' Jannar 2003.

Illi l-istess jinghad dwar il-proprjeta' parafernali u dotali. Ma ngiebu ebda provi li xi parti ghandha oggetti parafernali jew dotali ghand il-parti l-ohra.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika ta' l-attur;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tilqa' r-raba' talba fis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b' effett mit-28 ta' Jannar 2003;
[5] tichad il-hames talba;
[6] tichad is-sitt talba, ghall-istess raguni ndikata mill-perit legali fir-rapport tieghu;

Tiddecidi dwar il-**kontro-talba** billi:
[1] tilqa' l-ewwel u t-tieni talba fis-sens gja fuq deciz;
[2] tilqa' it-tielet talba, fis-sens u kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';
[3] tilqa' ir-raba talba, fis-sens u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tilqa' l-hames talba u tapplika fil-konfront ta' l-attur id-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Ka.16, fl-intier tieghu;
[5] tilqa' s-sitt talba fis-sens gja fuq deciz;
[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[7] tilqa' t-tmien talba, minghajr pregudizzju ghad-drittijet ta' terzi fuq l-istess fond;
[8] tilqa' id-disa' talba;

L-ispejjez kollha, kemm ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom ikunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------